**11 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Rita Schillaci

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru bħala kap u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Familja – Żwieġ – Barrani – Deportazzjoni ta'**

*Ir-rikorrenti kienet iżżewġet barrani li kien ġie mkeċċi minn Malta. Hija ppretendiet li bit-tkeċċija tiegħu ġew ivvjolati d-dritt tagħha li tiżżewweġ u li tifforma familja. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dan id-dritt. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*L-artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja jenunċja dritt wieħed u mhux żewġ drittijiet u ċjoè dak li tiżżewweġ u dak li tifforma familja. Id-dritt għaż-żwieġ tar-rikorrenti kien ġie rrispettat billi din kienet tħalliet tiżżewweġ. L-istat huwa obbligat li jirrispetta d-dritt fundamentali ta' ċittadina maltija li tiżżewweġ u b'hekk tifforma familja, imma m'għandu ebda obbligu li jara li jiggarantixxi l-konsegwenzjalità ta' dak id-dritt.*

1. Ir-rikorrenti hija ċittadina maltija, u fit-8 ta' Lulju, 1989, iżżewġet, f'Malta, lil Santo Schillaci, ċittadin taljan;

2. Fil-15 ta' Ġunju, 1992, Santo Schillaċi ġie mkeċċi minn Malta u qed jiġi impedut li jidħol Malta;

3. Rita Schillaci esponiet li t-tkeċċija kienet illegali u li issa żewġha ma jistax jingħaqad magħha, bir-riżultat illi d-dritt fundamentali tagħha protett mill-artikolu 12 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-1987 mhux qed jiġi rrispettat. Hija talbet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tagħtiha r-rimedji xierqa biex hija tkun tista'

tgawdi d-dritt fundamentali tagħha li jkollha familja;

4. L-intimat għall-espost irrisponda hekk:

Il-fatt li r-rikorrenti żżewġet juri effettivament li ħadd ma impediha li teżerċita d-dritt li jsemmi l-art. 12 tal-Konvenzjoni;

5. Jekk ir-rikorrenti għandha f'moħħha l-art. 8 tal-Konvenzjoni, allura dan ma japplikax għall-fatti ta' dan il-każ. Ebda artikolu tal-Konvenzjoni ma jobbliga l-Istat li jaċċetta ċittadin ta' stat ieħor billi dan ikun iżżewweġ ċittadin tiegħu;

6. Ħadd ma qed iżomm lir-rikorrenti li tifforma familja barra minn Malta;

7. Fil-11 ta' Diċembru, 1992, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża, u mill-istess sentenza huwa utili li jiġi kkwotati dawn il-partijiet:

(1) "Waqt it-trattazzjoni tar-rikors ġew ippruvati wkoll is-segwenti fatti li huma rilevanti għad-deċiżjoni tat-talba:

a. ir-rikorrenti kienet ilha taf lil żewġha għal tmien snin qabel iżżewġet;

b. hi żżewġet lil Santo Schillaci ċivilment waqt li kien qiegħed jiskonta piena fil-Ħabs Ċivili ta' Malta;

ċ. illi biex għamlet dan hi **talbet u otteniet** il-permess meħtieġ mill-Qorti kompetenti u mill-Ministeru responsabbli għall-Intern. Għal dik l-okkażjoni żewha nħareġ mill-ħabs fejn irritorna wara ċ-ċerimonja. Opportunità li jitlaqgħu dak iż-żmien

ma kellhomx;

d. illi r-rikorrenti kienet taf li:

(i) Mill-fedina penali ta' l-istess Schillaci esibita fl-atti, jirriżulta illi hu nstab ħati f'diversi okkażjonijiet ta' serq aggravat plurimu u dana fi żmien erbatax-il xahar, u ġie kkundannat jiskonta sentenza ta' ħabs ta' tmien xhur, ħames snin u sitt snin rispettivament. L-aħħar delitt ġie minnu kommess wara li ħarab mill-Ħabs Ċivili, u waqt li kien hekk maħrub. Rilevanti wkoll li l-awtorijiet Taljani ddikjaraw illi r-raġel tar-rikorrenti *"has several antecedents in Italy for theft, armed robbery, extortion, criminal conspiracy"* u li l-awtoritajiet Taljani kienu qed ifittxuh biex hu jibqa' jiskonta piena ta' ħabs li kien għad fadallu jagħmel f'dak il-pajjiż";

(ii) "3. Ma jidhirx li r-rikorrenti tista' tilmenta li ġiet imċaħħda mid-Dritt Fundamentali li "tiżżewweġ...skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt". Jirriżulta infatti l-kuntrarju, tant li l-Awtoritajiet Kompetenti ffaċilitawlha l-eżerċizzju ta' dan id-dritt billi taw permess lill-għarus tagħha li jiżżewweġ waqt li kien qed jiskonta piena ta' ħabs. Effettivament hu żżewweġ ċivilment skond il-liġi Maltija. Dan konformement ma' l-interpretazzjoni li ngħatat mill-Kummissjoni Ewropeja lill-art. 12 tal-Konvenzjoni";

(iii) "Il-Qorti ssib illi l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni u l-Qorti Ewropeja tad-dritt fundamentali protett bl-artikolu 12 tal-Konvenzjoni hi ferm aktar ristretta minn dik li ssottometta li għandu jingħata l-abili difensur tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti tissottometti illi għandha d-dritt taħt dan l-artikolu "li **tiżżewweġ u jkollha familja** hawn Malta" u timplika li dawn huma żewġ

drittijiet separati. Mhux hekk ġie interpretat b'konsistenza dan l-artikolu: *"The provision (art. 12) forsees the right to marry and to found a family* ***as one single right****"* (B&NL - 6482/84 DR 7, p. 75);

Ġie ritenut illi l-fatt li l-applikant jiżżewweġ fih innifsu jfisser illi minn dak il-mument hu kien ifforma familja u b'hekk ġew sodisfatti l-estremi tad-dritt fundamentali tiegħu b'dan l-artikolu protett. *"The applicants are married and have* ***thus already*** *founded a family"*. Taħt dan l-aspett allura d-dritt tar-rikorrenti jirriżulta eżawrit. Mill-banda l-oħra hu rikonoxxut illi waqt li dan hu legalment korrett, dan ma jfissirx li l-konjugi ma għandhomx il-protezzjoni tal-Konvenzjoni li d-dritt tagħhom ta' rispett għall-ħajja tal-familja kkontenut fl-artikolu 8 ta' l-istess Konvenzjoni";

(iv) "Kif ġà ngħad is-subinċiż 2 ta' l-art. 8 jippermetti anke d-deportazzjoni forzata ta' persuna mhux ċittadin ta' stat bħala miżura għall-prevenzjoni tad-delitti. F'dan is-sens il-ġurisprudenza hi kopjuża u kostanti;

*"In the present case the Commission accepts that the applicant's expulsion from Denmark constituted an interference with his family life. However, given the serious nature of the crime of which he was convicted in Denmark the Commission is satisfied that the interference complained of* ***was justified under para. 2 of article 8 as a measure taken in accordance with the law and necessary in a democratic society for the prevention of disorder and/or crime****". (Dec. Adm. Com. App. 9203/80 - 5 May, 1981 - D&R 24, p. 239);*

L-istess jista' jingħad ġustament u bla wisq eżitazzjoni fil-

każ ta' Santo Schillaċi li l-anteċedenti penali tiegħu huma tali li rrendewh mhux biss "*persona non grata*" f'Malta, imnejn ġie ddeportat ġustament, imma wkoll f'pajjiżu stess fejn hu riċerkat mill-ġustizzja. Ma hemmx dubju li l-ġid komuni kien jirrikjedi li ma jitħalliex joqgħod Malta u ma jitħalliex jerġa' jidħol f'dawn il-Gżejjer. Att ta' l-Istat li jikkomprendi miżura effettiva kontra d-diżordni u t-tixrid tal-kriminalità indubjament, sallum (hija) aċċettata f'soċjetà demokratika";

Is-sentenza ddeċidiet illi r-rikorrent ma sofriet ebda vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tagħha protett mill-art. 12 tal-Konvenzjoni;

8. Ir-rikorrenti appellat quddiem din il-Qorti għaliex:

(a) id-dritt li tiżżewweġ u li tifforma familha huma żewġ drittijiet distinti;

(b) mhux konċepibbli li l-liġi tikkonċedi d-dritt li r-rikorrenti tifforma familja, mhux f'Malta iżda barra minnha;

(ċ) dawn iż-żewġ drittijiet huma assoluti fis-sens li m'humiex soġġetti għal-limitazzjonijiet rikonoxxuti għal drittijiet fundamentali oħra;

(d) la l-Istat stess għen lir-rikorrenti biex tiżżewweġ u allura ma jistax jingħad li r-rikorrenti għandha tort għas-sitwazzjoni preżenti;

9. Fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, ir-rikorrenti reġgħet irribadiet, u bir-raġun, li hija f'din il-kawża, qed tistrieħ unikament fuq l-art. 12 tal-Konvenzjoni u m'hiex tinvoka l-art.

8, u verament dan huwa ċar mis-sottomissjonijiet skritti u mill-atti tagħha fil-kawża. Huwa l-intimat, li sa mill-bidu nett tal-kawża, stranament, daħħal fin-nofs l-art. 8 – u din il-Qorti tikkonfessa, li ma fehmitx dan l-atteġġament ta' l-intimat u baqgħet ma ratx x'rilevanza dan l-art. 8 jista' jkollu, meta r-rikorrenti b'ebda mod ma trid li tiġi kkunsidrata bħala "vittma" – kif jingħad fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem – tal-leżjonijiet tal-kontravvenzjonijiet li jistgħu jiġu kommessi kontra dak li jipproteġi dan l-artikolu. **U la m'hiex vittma, din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni;**

10. Huwa konvenjenti li dan l-artikolu jiġi hawn riprodott, u fil-forma tiegħu bil-lingwa Ingliża, billi din hija waħda miż-żewġ lingwi uffiċjali u awtentiċi, tal-Konvenzjoni:

*"Men and women of marriageable age have the right to marry and to found a family, according to the national laws governing the exercise of this right";*

11. L-ewwel punt ta' importanza li jrid jiġi stabbilit huwa jekk dan l-artikolu jikkontemplax **żewġ** drittijiet, jiġifieri (a) dritt **li tiżżewweġ** u (b) dritt li **tifforma familja**, jew dritt **wieħed,** inkwantu huwa l-fatt stess taż-żwieġ li joħloq u jifforma awtomatikament familja;

Verament, l-artikolu stess jispeċifika l-uniċità tad-dritt fundamentali li qed jenunċja, billi jgħid ***"this right"***, u mhux ***"these rights";***

12. Is-sentenza appellata għalhekk korrettement, qieset li d-dritt fundamentali huwa wieħed – u billi ma hemmx dubju li r-rikorrenti ġiet mogħtija kull faċilità biex tiżżewweġ anke meta,

u waqt, li l-għarus li hija għażlet, kien qiegħed jiskonta piena f'ħabs. Wara dan, però, l-ewwel Qorti ma komplietx issegwi linejarment il-loġika ġuridika sostanzjali u neċessarja, u qalet:

"Taħt dan l-aspett (i.e. li maż-żwieġ ġiet ifformata l-familja) allura d-dritt tar-rikorrenti jirriżulta eżawrit;

Mill-banda l-oħra, huwa rikonoxxut illi waqt li dan huwa legalment korrett, dan ma jfissirx li konjugi m'għandhomx il-protezzjoni tal-Konvenzjoni li d-dritt tagħhom ta' rispett għall-ħajja tal-familja kkontenut fl-artikolu 8 ta' l-istess Konvenzjoni";

Is-sentenza ta' l-ewwel grad, setgħet waqfet hawn għaliex ġaladarba rriteniet illi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti protett mill-art. 12, kien ġie rrispettat, **fit-termini ta' dak l-artikolu**, ma kienx hemm lok ta' konsiderazzjonijiet ulterjuri. Infatti, dawn, biex isiru, jeħtieġu li l-vittima takkoppja l-art. 12 ma' l-art. 8 – ħaġa din li r-rikorrenti f'din il-proċedura m'għamlitx. U r-rikorrenti taf ben tajjeb, xi trid u ma tridx, x'sofriet u x'ma sofrietx – u jekk hija enfatikament ma ħassithiex vittima taħt l-art. 8, m'huwa konsentit lil ħadd li jikkonsidraha vittima – la l-intimat u wisq anqas il-Qorti – sabiex fil-final, it-tnejn jaslu fil-konklużjoni, li wara kollox ir-rikorrenti, verament m'hiex vittima;

13. Naturalment, din il-Qorti, apprezzat l-abbundanza ta' ġurisprudenza tal-Kummissjoni u tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem, imwaqqfa mill-Konvenzjoni – li ġew ikkwotati kemm mill-intimat bin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, u kemm mill-ewwel Onorabbli Qorti – però jibqa' stabbilit il-fatt, illi dawn huma kważi kollha, jekk mhux kollha, rilevanti fil-kontest ta' allegazzjonijiet li jirrigwardaw l-art. 8 u 12 flimkien u mhux l-

art. 12 waħdu;

14. Fl-appell tagħha r-rikorrenti tesponi illi d-dritt fundamentali msemmi fl-art. 12 huwa dritt assolut u li ma jippermettix derogi;

Din is-sottomissjoni, wara dak li ntqal fil-paragrafi preċedenti, m'għandhiex ħlief valur akkademiku, u mhux valur għall-każ in eżami;

*"In concreto"*, difatti, ġaladarba d-dritt tar-rikorrenti skond l-art. 12, ġie kompletament sodisfatt anke billi ġie lilha permess li tiżżewweġ raġel waqt li huwa kien qed jiskonta piena f'ħabs ma jservi assolutament xejn li dan l-aspett jiġi approfondit. Jekk dak li ġara jfissirx illi dak id-dritt ġie rrispettat b'mod assolut jew le, m'huwiex neċessarju li din il-Qorti tippronunzja ruħha, għaliex huwa żgur li dak li sar, sar in konformità ma:

*"the **national laws** governing the exercise of this right"*;

ta' l-artikolu; u jekk din il-limitazzjoni ċara tistax tiġi interpretata b'xi mod li d-dritt huwa assoluta imma fl-istess ħin huwa suġġett għad-dettami ta' diversi liġijiet li jirregolawh fl-Istati tal-Konvenzjoni – huwa wkoll ozzjuż għal din il-Qorti, li tikkontempla *"in abstracto"*;

15. Jibqa' biss li l-Qorti tirrispondi lament tar-rikorrenti, fis-sens illi hija m'għandha l-ebda ħtija għas-sitwazzjoni inkrexxjuża u insodisfaċenti li nħolqot għaliex l-intimat stess għenha biex hija tkun tista' tiżżewweġ fiċ-ċirkostanzi li kienu jimperaw fil-mument;

L-intimat kien u huwa obbligat li jirrispetta d-dritt fundamentali tar-rikorrenti – ċittadina maltija – li tiżżewweġ u b'hekk tifforma familja. Imma m'għandu ebda obbligu li jara li jiggarantixxi l-konsegwenzjalità ta' l-eżerċizzju ta' dak id-dritt fundamentali ta' l-individwu. Ma jistax, per eżempju jiggarantixxi li jinforza l-koabitazzjoni, jekk m'hemmx dik il-volontà, jew li jinforza l-lealtà konjugali jekk m'hemmx dik id-disposizzjoni. Huwa ovvju – riferibbilment għall-każ konkret – li l-intimat m'huwiex obbligat, u r-rikorrenti m'għandhiex id-dritt li qiegħda tippretendi, għaliex dan m'huwiex dritt – li ladarba żżewwġet ma' raġel li qiegħed il-ħabs, b'dak iż-żwieġ, ir-raġel għandu jiġi lliberat, għaliex altrimenti ma jistax jikkoabita ma' martu;

Għalhekk, ir-rikorrenti, meta eżerċitat id-dritt fundamentali tagħha li tiżżewweġ biex b'hekk ifformat familja, dan għamlitu billi assumiet ir-responsabbilitajiet kollha li dak l-eżerċizzju ta' dritt jimporta, għaliex ma jeżisti ebda dritt – fundamentali primarju, jew sekondarju – li neċessarjament u inxindibbilment, m'għandux miegħu inkastati l-obbligazzjonijiet relattivi;

16. Għal dawn ir-raġunijiet, u fis-sens tagħhom, is-sentenza appellata hija kkonfermata u l-appell huwa miċħud;

L-ispejjeż għar-rikorrenti.